# QORTI KRIMINALI

# IMHALLEF

# Onor. Patrick Vella, B.A., LL.D., M. Juris (EUR Law).

Akkuza Nru. 7/01

Ir-Repubblika ta' Malta

vs

Anton Barbara

It-Tlieta, 6 ta' Novembru, 2001.

Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuza 7/2001.

Semghet lill-akkuzat Anton Barbara fis-seduta tal-5 ta' Novembru, 2001, jammetti l-akkuzi kollha dedotti kontrih, f'liema ammissjoni hu baqa' jippersisti anke wara li l-Qorti wissietu dwar il-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni tieghu w taghtu zmien biex jirrikonsidraha.

Rat l-atti.

Tiddikjara lill-Anton Barbara hati talli:

***1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Taqsima ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) lil xi persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V1 ta' l-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; b'dan li r-reat kien wiehed kontinwat, u cioe', b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti, u li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmulha b'risoluzzjoni wahda, u dan skond l-Ewwel Kap ta' dan l-Att ta' Akkuza;***

***2. Xjentement kellu fil-pussess tieghu l-medicina perikoluza eroina specifikata taht l-Ewwel Skeda, Taqsima 1, tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima***

***V1 ta' l-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, b'dan li r-reat kien wiehed kontinwat, u cioe', b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u gew maghmulha b'risoluzzjoni wahda, u b'dan ukoll li l-pussess kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan skond it-Tieni Kap ta' dan l-Att ta' Akkuza;***

***3. Kellu f'idejh jew fuqu sikkina ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta, minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija, dan skond it-Tielet Kap ta' l-Att ta' Akkuza.***

***Tiddikjara wkoll lill-istess hati Anton Barbara recidiv billi kien gja nstab u dikjarat hati ta' diversi delitti, fosthom serq aggravat u pussess ta' medicina perikoluza u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Novembru, 1993, tal-4 ta' Novembru, 1994, ta' l-10 ta' Jannar, 1996 u tad-19 ta' Jannar, 1996.***

Semghet lill-Probation Officer Miriam Falzon Sevasta bil-gurament.

Semghet lill-Avukat Prosekutur Dr. Mark Said u lill-Avukat difensur tal-hati, Dr. Joseph Mifsud jitrattaw dwar il-piena.

Rat id-dokumenti esebiti.

Qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u cioe':

A. L-ammissjoni tal-hati f'dan l-istadju bikri ta' dawn il-proceduri meta ghadu ma giex furmat il-guri u b'hekk gew iffrankati hin u spejjes;

B. Il-fatt li l-hati kien ghal xi zmien dipendenti fuq id-droga u issa jinsab isegwi programm ta' kura jew riabilitazzjoni biex johrog minn dan il-vizzju.

C. Il-kooperazzjoni tieghu mal-pulizija.

D. Il-fatt li pendenti dawn il-proceduri, il-hati gja ghamel xi sena u nofs fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin taht arrest preventiv, f'liema zmien kellu kull opportunita' u hin biex jirrealizza kif fil-fatt irrealizza li kellu jaghmel xi haga biex ibiddel hajtu, kif fil-fatt qed jaghmel skond il-Probation Officer Miriam Falzon Sevasta.

E. Il-fatt li d-droga in kwistjoni misjuba fil-pussess tal-hati kienet f'ammont relativament zghir u hu kien piuttost il-vittma tad-droga milli t-traffikant ta' l-istess.

Qieset kull cirkostanza ohra li hasset rilevanti.

Tara li tali cirkostanzi jinkwadraw ruhom f'dak li hemm dispost fl-Artikolu 22 (2) (a) (i) (aa) tal-Kap. 101 li jaghti d-diskrezzjoni lill-Qorti biex ma tapplikax il-massimu tal-piena applikabbli ghar-reati li taghhom Anton Barbara gie dikjarat u misjub hati.

Rat l-Artikoli 9, 10 (1), 12, 14 (1) (5), 20, 22 (1) (a) (2) (a) (i) (ii) u 26 tal-Kap. 101, ir-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini

Perikoluzi (G.N. 292/39), l-Artikoli 17 (b) (h), 18, 20, 49, 50, 23, 31, 22 u 533 tal-Kap. 9, u l-Artikoli 13 (1), 19, 23 u 27 tal-Kap. 66.

Tiddeciedi billi tikkundanna lill-Anton Barbara ghall-erba (4) snin prigunerija, bit-tnaqqis ta' kull zmien li hu kien taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, kif ukoll ghall-multa ta' elfejn lira Maltin (Lm2000).

Tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oggetti kollha relatati mar-reati in kwistjoni, kif ukoll ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati.

Tordna li d-droga in kwistjoni tigi distrutta a karigu ta' l-Ispizjar Mario Mifsud li qed jigi nominat ghal dan il-ghan li ghandu jirredigi Process Verbal malli jesegwixxi dan l-inkarigu u jesebih f'dawn l-atti, dan kemm il-darba l-Avukat Generali, fi zmien erba (4) tijiem mil-lum, ma jippresentax nota fir-Registru ta' din il-Qorti li biha jinformaha li ghandu bzonn din id-droga in konnessjoni ma' xi proceduri ohra u ghalhekk jitlob li din ma tigiex distrutta ghalissa.

Fl-ahhar nett, stante d-dipendenza li l-hati kellu, jew ghad ghandu, fuq id-droga u l-fatt li bhalissa hu qed isegwi programm ta' riabilitazzjoni kontra dan il-vizzju mal-Caritas, il-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li jaghmel dak kollu li hu possibbli biex Anton Barbara jkompli f'dan il-programm ta' kura.  Tordna ghalhekk li din is-sentenza tigi notifikata lill-imsemmi Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Dep/Registratur